MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2003

Il-Pulizija
(Sp Joseph Agius)
vs
Paul Abela, iben Emanuel,
imwieled Ħaż-Żebbuġ fit-30
ta' jannar, 1953

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fit-13 ta' novembru, 2003 u fis-snin ta' qabel, fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonim tal-liġi, u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –

1. talli kkometta serq ta' oġġetti tad-deheb minn diversi residenżi fejn kien qed jagħmel xogħol ta' sengħa, liema serq hu aggaravat bil-valur u bil-lok;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, xjentement f'Malta b'kull mod ieħor indaħal biex ibiegħ jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tal-25 ta' novembru, 2003 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' novembru, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 261(ċ)(d)(e), 267, 268(d), 269(g) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Tikkundannah għal piena ta' sentejn priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li tali piena ma għandhiex isseħħ ħlief jekk fi żmien sentejn mil-lum jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-proġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------